**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616


Ref Nru: Klg5/A17-08

25 t' April 2008

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/17</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tlieta 29 t' April 2008, fit-3.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni u Approvazzjoni *Trial Balance* Jannar, Frar u *Working Draft* Marzu 2008
6. Approvazzjoni ta' Spejjeż Legali – Kawża 123 Triq Cameron
7. *Update Activities Centre*
8. Diskussjoni Dwar Kuntratt tal-*Patching*
9. Approvazzjoni għall-Ħruġ ta' Sejħa Għall-Offerti għall-*embellishment* tal-Ġnien
10. Affarijiet Oħra
11. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

22 ta' Mejju 2008

Ref Nru.Klg5/017

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/17 li saret it-Tlieta 29 t' April 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fit-3.00 p.m.

Preżenti

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco. Attenda għall-parti mill-laqgħa, l-Uffiċjal Eżekuttiv Fabian Borg.

**Assenti:**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Ian Micallef.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-25 t' April 2008.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Ħamis 27 ta' Marzu 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, Dunstan Attard.

## 2. Materji Konnessi

### 2.1. Paġna Nru: 5 – *ReSurfacing in Asphalt Gżira Housing Estate*

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat rapport tal-Perit dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż, li tiġi aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Perit b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li x-xogħol ser jingħata lill-kuntrattur eżistenti jiġifieri Asfaltar Ltd, minħabba li l-kuntratt eżistenti fil-fehma tal-Perit, jista' jkopri anke dan ix-xogħol b'kundizzjoni li ssir laqgħa mal-kuntrattur fejn jiġu miftehma dawn il-kundizzjonijiet li :

i l-kuntrattur jintrabat mal-perjodu li fih ser isir ix-xogħol

ii jiġi deċiż *deadline* sa meta jrid jispiċċa x-xogħol

iii jekk il-kuntrattur ma jlaħħaqx ix-xogħol, jiġu stipulati multi ħorox

iv jiġi diskuss il-kuntratt eżistenti li la darba mhux qed ikun onorat mill-kuntrattur partikularment fir-rispett ta' xogħlijiet żgħar, il-kuntrattur jirrinunzja bil-kitba għall-parti minnu sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista jikkunsidra l-opzjoni li joħroġ sejħa għall-offerti. Iċ-*Chairman* tal-laqgħa ser ikun is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Anthony Abela u Kunsillier mill-Partit Nazzjonalista.

v fit-8 ta' Mejju 2008 għandha ssir laqgħa mal-Perit li għaliha jkunu preżenti s-Sindku u l-Kunsillier Anthony Abela qabel ma ssir il-laqgħa hawn fuq msemmija

**2.2. paġna Nru.6 – *Drainage Problem at 118 Triq Carlo Manche'***

Iċ-*Chairman* xtaq jagħmel apoloġija minħabba l-fatt, li kellu jagħmel *site inspection* dwar is-suġġett hawn fuq msemmi flimkien mal-Kunsillier Anthony Abela u l-Perit tal-Kunsill iżda, ma laħħaqx minħabba mpenn ta' xogħol. Għalhekk, kien ser jipprova jagħmel dan fit-8 ta' Mejju 2008.

**2.3.** re paġna Nru. 8 para 5.1. Il-Viċi-Sindku qal, li għandu jiġi ppreparat il-programm ta' Jum il-Gżira u flimkien miegħu jintbagħat ir-reklam tal-*Computer Courses* li ser isiru mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-*Malta Institute for Computer Science*. Dawn għandhom jitqassmu sa nhar il-Ġimgħa 2 ta' Mejju 2008, mid-ditta 3D.

Il-programm għandu jkun;

| | | |
|---|---|---|
| Tnejn | 5 ta' Mejju 2008 | Żjara lill-Anzjani – San Vinċenz |
| Tlieta | 6 ta' Mejju 2008 | Żjara lill-Anzjani fid-Dar ta' l-Anzjani tal-Gżira |
| Erbgħa | 7 ta' Mejju 2008 | Librerija Pubblika Gżira – Kotba ġodda |
| Ħamis | 8 ta' Mejju 2008 | Żjara lill-Anzjani fil-lokalita' |
| Ġimgħa | 9 ta' Mejju 2008 | Żjara lill-Anzjani fil-lokalita' |
| Sibt | 10 ta' Mejju 2008 | Kunċert mill-Banda Mount Carmel<br>Riċeviment Għall-Ghaqdiet |
| Ħadd | 11 ta' Mejju 2008 | 9.30 a.m. Quddiesa ta' Ringrazzjament<br>Inawgurazzjoni tal-Bust ta' William Apap |

Rigward in-nominazzjonijiet għall-Anzjan tas-Sena, ċ-*Chairman* qal li xtaq jinnomina lil Vincenza Attard u kompla jgħid, li meta kien kellem lil uħud mill-Kunsillieri dawn qablu wkoll. Għalhekk, wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li tiġi nominata s-Sinjura Vincenza Attard għall-Anzjan tas-Sena 2008.

Iċ-*Chairman* qal, li waqt ir-riċeviment għall-Għaqdiet, xtaq li jingħata l-premju Ġieħ il-Gżira u kien qed jipproponi li dan jingħata lis-Sur Joe Ian Attard li kien qed jipparteċipa fil-programm Ħadd Għalik. Huwa kompla jgħid, li l-idea ma kienitx tiegħu iżda kienu avviċinawh xi nies u qal ukoll, li dan ma kienx premju li jingħata kull sena iżda lill-bniedem partikulari meta jkun għamel xi ħaġa għall-lokalita'. Fl-opinjoni tiegħu, dan il-programm (li l-premju għal min jirbaħ kien ta' €10,000) kien qed jgħin biex jitneħħa t-timbru ikrah li għandha l-lokalita' tal-Gżira.

Matul id-diskussjoni li saret, l-Kunsill iddeċieda li għandha tinħoloq struttura u tittieħed deċiżjoni. Din għandha ssir għas-sena li jmiss.

**2.4.** paġna Nru. 11 para 11.2. Il-Kunsill ġie nfurmat li mhux il-kotba kollha nxtraw mid-ditta *PEG* iżda anke mid-ditta *Sierra Book Distributors* minħabba l-fatt, li d-ditta *PEG* ma kelliex l-assortiment kollu li xtaq il-Kunsill.

Il-Kunsillieri kollha ġew infurmati verbalment b'din id-deċiżjoni u qablu magħha.

Iċ-*Chairman* talab li tiġi diskussa *item* Nru. 4 ta' l-Agenda – Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 547 sa Nru. 592 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri, dwar *Request Sheets* Nru. 557, 574, 585 u 591, r-*Request Sheets* minn Nru. 547 sa Nru. 592 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sad-29 t'April 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat bl-ittra ta' ringrazzjament mill-familja ta' l-ex Kunsillier Albert Rizzo.

**3.4.** Inqrat kemm l-*e-mail* mibgħuta mill-Kunsillier Ian Micallef kif ukoll, l-ittra mibgħuta mill-Kunsill lid-Direttur għall-Gvern Lokali, kkupjata lil Onor Prim Ministru, l-Onor Segretarju Parlamentari Dott Chris Said, lill-President ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u lill-Kunsillier Ian Micallef.

Wara diskussjoni qasira, fejn il-Kunsillieri preżenti qablu unanimament kemm ma' l-ittra mibgħuta mis-Sindku għan-nom tal-Kunsill kif ukoll, tressqet mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, li

jekk kemm –il darba ma jittieħdux dawk il-passi dixxipplinari permessi mill-Liġi kontra Dott. Ian Micallef, dan il-Kunsill ma jkollux triq oħra ħlief li jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu fid-dawl tal-Liġijiet viġenti f'Malta u fl-Unjoni Ewropea.

**3.5.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li tingħata donazzjoni ta' kotba għall-ammont ta' €58 kemm lil *Sir Adrian Dingli (Pembroke) Girls' Junior Lyceum* kif ukoll lill-iskola Sekondarja Antonio Bosio għall-Jum il-Premjazzjoni bil-kundizzjoni li l-kotba jiġu mogħtija lil studenti Gżirjani.

**3.6.** Inqrat ittra mibgħuta mill-*Grand Harbour Regeneration Corporation* dwar *Vision for Fort St. Elmo and Marsamxett Harbour* fejn il-Kunsill kellu sa l-20 ta' Mejju 2008, biex jissottometti l-proposti tiegħu.
Għalhekk, ġie deċiż li jinħoloq Kumitat bis-Sindku bħala *Chairman*, il-Kunsillier Anthony Abela u Kunsillier elett f'isem il-Partit Nazzjonalista flimkien mal-Perit tal-Kunsill biex jiġu ssuġġeriti proposti f'dan ir-rigward.

**3.7.** Il-Kunsill ma qabilx mat-talba li saret mid-ditta *Multivend Services Ltd* għall-*loading/unloading* fi Triq ix-Xatt quddiem Expect Ltd ex HSBC minħabba l-fatt, li hemm tabelli oħra jindikaw li jista' jsir ipparkjar ta' *coaches* biex jinżlu jew jitilgħu turisti.

**3.8.** Wara li nqrat *e-mail* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, l-Kunsill iddeċieda unanimament li l-Kunsillier Anthony Abela għandu jiddiskuti ma' l-Assoċjazzjoni hawn fuq msemmija, kif kienet ser taħdem l-iskema ta' Separazzjoni ta' Skart Bieb Bieb.

**3.9.** Il-Kunsill qabel unanimament li kopja tal-korrispondenza mibgħuta minn Cilia & Associates fil-25 ta' Marzu 2008, dwar Xuffiera tal-*Buses* ta' l-iskola Santa Monica, Gżira, għandha tintbagħat lill-A.D.T. u tkun xi tkun id-deċiżjoni ta' din l-entita', tiġi attwata mill-Kunsill.

**3.10.** Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment li sar minn naħa tal-Gvern li bħala parti mill-*embellishment* tax-Xatt, jiġu nstallati tabelli tad-*dog fouling* minħabba l-fatt li l-prezz kkwotat mill-Koptasin, għal kull tabella, kien ta' €82.70 u ġie kkalkulat li hemm bżonn ħmistax –il waħda. Din kienet ser tkun spiża eżorbitanti għall-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa li l-Kunsillier Anthony Abela jikkuntattja l-entitajiet kummerċjali li hemm fix-Xatt tal-Gżira għal xi *sponsor.*

Il-Kunsillier Anthony Abela ma qabilx ma' dan is-suġġeriment.

**3.11.** Il-Kunsill ġie nfurmat bl-ittra datata 4 t'April 2008, li kien irċieva mingħand l-Avukat Joseph Zammit għan-nom tas-Sur Victor Rutter, għall-kumpens tad-danni li soffra fil-propjeta' tiegħu bejn id-29 u t-30 ta' Diċembru 2007, b'konsegwenza ta' dħul ta' ilma fl-istess fond minħabba nuqqas ta' manutenzjoni tat-toroq kif ukoll, ir-risposta mibgħuta mill-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods li l-Kunsill ma jistax jinżamm responsabbli għal inċidenti li hu m'għandu bl-ebda mod kontroll fuqhom u li l-manutenzjoni tat-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, issir fuq bażi regolari.

**3.12.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri kemm ma' l-iskema ta' Saħħa għall-Ħaddiema Klerikali, Segretarji Eżekuttivi u Kunsillieri għas-sena 2008-2009 għall-ammont ta' €57 kull persuna jiġifieri għall-ammont globali ta' €570 kif ukoll, ma' l-Assikurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali għas-sena 2008-2009 għall-ammont ta' €62.

**3.13.** Il-Kunsill ma qabilx unanimament ma' l-estenzjoni tal-*Public Liability* (*Premises and Locality Risks*) kif ġie ssuġġerit fil-proposta mibgħuta minn *Aon Insurance Brokers* u żamm mad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti.

**3.14.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li tiġi nstallata tabella fuq *pole* sabiex jinġabru l-fondi mill-U.I.F. dwar it-tisbieħ li sar fis-*Central Strip* fix-Xatt għall-ammont ta' €143.73 VAT inkluża.

**3.15.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li tingħata s-somma ta' €116 bħala parti mill-ispejjeż għall-wirja tal-Mejda ta' l-Appostli li saret mis-Sur Carmelo Ciantar.

**3.16.** Iċ-*Chairman* ta rendikont tad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Gvern Ċentrali li b'seħħ mis-7 ta' Diċembru 2007, kemm is-Segretarji Eżekuttivi kif ukoll, l-ħaddiema kollha tal-Kunsilli Lokali, li l-impjieg tagħhom isir fuq bażi ta' kuntratt indefinit. Huwa kompla jgħid, li l-ħaddiema mpjegati mal-Kunsilli Lokali għandhom jiġu nfurmati b'dan it-tibdil fil-kuntratt tagħhom abbażi tal-ftehim hawn fuq msemmi u fl-opinjoni tiegħu ħass li ma kellux jiffirma qabel ma din il-materja tiġi diskussa fil-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, fejn il-Kunsillier Joe Camilleri rrimarka li la darba dan il-ftehim kien approvat mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill għandu jiffirma, l-Kunsill qabel unanimament.

**3.17.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 5. Diskussjoni u Approvazzjoni *Trial Balance* Jannar, Frar u *Working Draft* Marzu 2008

**5.1.** Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri dwar is-suġġett hawn fuq msemmi, t-*Trial Balances* Jannar, Frar u l-*Working Draft* Marzu 2008, ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 6. Approvazzjoni ta' Spejjeż Legali – Kawża 123 Triq Cameron

**6.1.** Iċ-*Chairman* ta' rendikont tal-laqgħa li saret il-Ħamis 24 t'April 2008, dwar is-suġġett hawn fuq msemmi għalkemm kienet ntbagħtet kopja tal-minuti ta' l-istess laqgħa ma' l-Agenda lil kull Kunsillier.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li l-Kunsill iħallas l-ammont ta' €1674.75 (Lm718.97), liema ammont kien għadu dovut mill-Kunsill minħabba l-fatt, li mill-ammont oriġinali ta' €2880.37 (Lm1236.54), skond it-taxxa tal-Qorti, l-Kunsill kien diġa' għadda pagamenti lill-Avukat Frank Cassar li jammontaw għal €1205.62 (Lm517.57).

## 7. *Activities Centre - Update*

**7.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara l-laqgħa li saret fid-9 t'April 2008, mal-Kunsill u mas-Sinjuri Buontempo, dawn ta' l-aħħar kienu bagħtu l-*Letter of Acceptance* iffirmata flimkien ma' ittra datata 14 t'April 2008, fejn kienu qed jaċċettaw il-kundizzjonijiet kollha ta' l-ittra hawn fuq msemmija b'eċċezzjoni li l-metraġġ kif kwotat fis-Sejħa Għall-Offerti kien ta' 120 metru kwadru u mhux ta' 215 metru kwadru kif ukoll, kienu qedgħin fil-proċess biex japplikaw mill-użu t'uffiċċini għall-*Activities Centre*.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-*Letter of Acceptance* kellha tiġi ffirmata wara li l-Kunsill jerġa' jiddiskuti din il-materja waqt il-laqgħa tiegħu u l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-iżbal kien minn naħa tal-Kunsill, għaliex kkwota għall-metraġġ ta' 215 metri kwadri, mentri s-Sinjuri Buontempo kienu qed jikkwotaw għall-120 metri kwadri.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jaċċetta l-Offerta ta' 120 metru kwadru għall-prezz ta' €25.62 (Lm11) kuljum VAT inkluża u €232.94 (Lm100) ċens annwu.

Dan kien qed isir fil-kuntest tas-sottomissjoni l-oħra bejn iż-żewġ postijiet. Il-Kunsill xorta jaqbel li t-*tender* tintrebaħ mid-ditta *D'Aniens Development Limited* għall-prezz hawn fuq msemmi u r-raġunijiet kienu li:

i l-post hu mdawwal
ii mhux qiegħed fi triq prinċipali
iii qiegħed *ground floor*
iv huwa akbar u orħos
v qiegħed fil-parti ta' fuq tal-Gżira biex b'hekk ikun ta' mezz t'integrazzjoni għall-Gżirjani.
vi dan il-post huwa lest filwaqt li l-ieħor jiġifieri 123 Triq Cameron għad irid jitranġa.
vii tinħareġ *Letter of Acceptance* oħra

**8. Diskussjoni dwar Kuntratt tal-*Patching***

**8.1.** Iċ-*Chairman* staqsa jekk il-kuntratt hawn fuq msemmi setgħax jinqasam fi tnejn jiġifieri li x-xogħol il-kbir jingħata lid-ditta Asfaltar filwaqt li tinħareġ Sejħa għall-Offerti għal xogħlijiet żgħar.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu kien jaqbel pero' qabel il-Kunsill għandu jieħu l-parir t'Avukat.

Wara din id-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament li din il-materja għandha tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill.

**9. Approvazzjoni għall-Ħruġ ta' Sejħa Għall-Offerti għall-*Embellishment* tal-Ġnien**

**9.1.** Iċ-*Chairman* qal, li kif dejjem sar għandu jinħoloq Kumitat bi tlett membri, jiġifieri *Chairman* li jkun is-Sindku u żewġ Kunsillieri eletti miż-żewġ partiti li wieħed minnhom ikun il-Kunsillier Anthony Abela. Huwa kompla jgħid, li kif tittieħed ir-rakkomandazzjoni, tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill.

**10. Affarijiet Oħra**

**10.1.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li kien ġie nfurmat mir-residenti li l-uniku plot li għadu mhux żviluppat fi Triq Ġuze' Miċeli li hi propjeta' tal-Gvern kienet infestata bil-ġrieden. Huwa kompla jgħid li filwaqt li talab lill-Kunsill biex tittieħed l-azzjoni meħtieġa, kien qed jissuġġerixxi li la darba din kienet propjeta' tal-Gvern Ċentali, l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tagħha.

Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suġġeriment.

**10.2.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li kien hemm każ rigward kuntratt tad-datatrak li kien jaqbeż il-miljun lira Maltin mingħajr ma nħarġet Sejħa għall-Offerti.

**10.3.** Ġie deċiż li fis-6 ta’ Mejju 2008, fis-2.00 p.m. ssir laqgħa l-Kunsill li fiha jieħdu sehem s-Sindku, l-Kunsillier Anthony Abela u s-Sur Emanuel Mifsud, il-kuntrattur tal-ġbir ta’ l-iskart.

**11. Laqgħa Oħra**

**11.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Ref Nru: K186/74b/08

15[ta'] Mejju 2008

**<u>Minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 13 ta' Mejju 2008, fis-2.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gżira</u>**

**Preżenti:**

Is-Sindku Chris Bonett, s-Segretarju Eżekuttiv għan-nom tal-Kunsill, s-Sinjuri David Borg u Rose Zammit għan-nom tal-kumpanija *Savoy Gardens Ltd*.

**Materji Diskussi –**

**Obbligu mitlub mill-Kunsill lill-kumpanija *Savoy Gardens Ltd* dwar *boundary wall.***

Is-Sindku Chris Bonett stieden lir-rappreżentanti tad-ditta hawn fuq imsemmija sabiex iressqu l-materja li riedu jiddiskutu mal-Kunsill Lokali fir-rispett ta' liema talbu din il-laqgħa.

Is-Sur David Borg irringrazzja lis-Sindku Dott. Bonett talli laqgħa t-talba tagħhom u qal, li b'eżitu ta' laqgħa li kellhom qabel mal-Kunsill fejn il-Kunsill Lokali kien ressaq il-proposti tiegħu, l-kumpanija kienet qed tressaq is-suġġeriment tagħha li bħala *set off* ta' l-ammont pendenti mitlub mill-Kunsill, kienu qed joffru *art and culture room* li għandha aċċess indipendenti minn Triq Reid, li hi koperta bil-permessi tal-M.E.P.A. u hi aċċessibbli għall-persuni bi bzonnijiet speċjali għaliex mhux biss qedgħa *street level* iżda mgħammra b'rampa. Hu kompla jgħid li in vista tal-fatt, li għandha spazju fejn isir *toilet*, kien qed joffri l-*option* li l l-kumpanija tinstalla wkoll, is-sanitarji għas-spejjeż tagħha.

Is-Sindku Chris Bonett wieġeb, li filwaqt li din kienet proposta li l-Kunsill żgur ser jieħu in konsiderazzjoni madanakollu, ma setgħax jiddeċiedi dak il-ħin jekk jaqbilx jew le mal-proposta minħabba l-fatt, li ried jiddiskutiha waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Hu kompla jgħid, li sabiex ikun f'pożizzjoni aħjar li jagħmel dan u l-Kunsill

ikun jista' jiddeċiedi, talab lis-Sur Borg jagħti l-qisien tal-propjeta' li kien qed jipproponi li jgħaddi lill-Kunsill Lokali.

Is-Sur Borg wieġeb fl-affermattiv.

Intant, is-Sur Borg staqsa lill-Kunsill Lokali dwar jekk kienx qed jirċievi l-ilmenti u jekk iva, ta' liema natura kienu.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat, li filwaqt li r-residenti qatt ma qablu ma' l-għoli ta' l-iżvilupp madanakollu, minn kemm ilu jkun hemm is-Sna Rose Zammit fuq il-post, l-ilmenti naqsu drastikament. Madanakollu hi kompliet tgħid, li kien importanti ferm li l-kumpanija tassigura li l-kuntratturi kollha josservaw ir-regolamenti ta' protezzjoni u lqugħ, sabiex il-foga tat-trab tkun l-inqas possibbli.

Is-Sur David Borg staqsa wkoll, dwar x'inhi l-proċedura u l-ħlas ta' scaffolding.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet, li l-Kunsill Lokali addotta l-proċedura li jekk l-i*scaffolding* jkun ser jagħlaq l-aċċess tal-bankina, dan għandu jkun kopert bil-permess skond l-Avviz Legali 119/2002 Artiklu 7 (1) u l-ħlas tiegħu ikun ta' €2.33 (Lm1.00) għal kull metro kwadru kuljum filwaqt, li jekk l-i*scaffolding* ikun mibni b'tali mod li jservi bħala *safe pedestrian access*, li l-bankina tibqa' aċċessibbli għal kulħadd u għalhekk għandu jkun msaqqaf, mdawwal u miżmum nadif skond ir-regolamenti maħruġa mill-M.E.P.A. fl-1 ta' Novembru 2007 u r-regolamenti tas-Saħħa u Siġurta', dan ma jintalabx ħlas għalih. Din id-deċizjoni hi suġġett għal *site-inspection* mill-Perit u l-Kunsillier responsabbli minn dan is-settur.

Għall-mistoqsija tas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-perjodu ta'żmien ikkalkulat li jdum dan l-i*scaffolding*, ir-rappreżentanti tad-ditta *Savoy Gardens Ltd* wieġbu, li filwaqt li ma jistgħux jintrabtu bi żmien eżatt, kienu qed jikkalkulaw li għandhom bżonn għal madwar ġimgħatejn għal kull block, jiġifieri block E u H li jagħtu għal fuq Triq Freres.

Il-laqgħa ntemmet fis-2.30 p.m.

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

Gzira Local Council

**Ref No: K153/119/08**

**April 2008 KLG5/17**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 547 | Paparukei Catering Ltd Attivita' 21.12.07 Approved 14.12.07 – Klg5/12 | 307.04 | 5372 |
| 548 | Paparukei Catering Ltd Attivita' 19.01.08 Ftuħ ta' Librerija appr 14.12.07 Klg5/12 | 228.33 | 5373 |
| 549 | Paparukei Catering Ltd Attivita' 22.01.08 exhibition | 19.47 | 5374 |
| 550 | Bristow Potteries Ltd Inv.10015877 Three Street Plaques | 148.01 | 5375 |
| 551 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 8973 Job No: 7624 Road Markings | 141.07 | 5393 |
| 552 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 9006 Job No: 7572 Road Markings | 64.80 | 5392 |
| 553 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9007 Job No: 7571 Road Markings | 195.71 | 5394 |
| 554 | Koperattiva Tabelli U Sinjali Invoice 9008 JoB No: 7570 Road Markings | 160.57 | 5395 |
| 555 | Bitmac Works Ltd – Asphalt for potholes | 77.00 | 5331 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **556** | **Central Asphalt Ltd invoice 07489 Concrete Slabs** | **70.80** | **5330** |
| **557** | **The Toolbox invoice Nos: 7261 – 7262 – 7373 7393** | **33.14** | **5376** |
| **558** | **Conmal Ltd invoice No: 1219 Maint Bozoz Ix-Xatt u Triq Luqa Briffa** | **511.26** | **5396** |
| **559** | **Conmal Ltd invoice No: 1222 U-Shape Barrier u single bollard Triq Belvedere** | **107.15** | **5397** |
| **560** | **Squire Bookshop invoice 6422 Stationery March 2008** | **24.96** | **5377** |
| **561** | **Squire Bookshop invoice 6443 Newspapers March 2008** | **31.90** | **5378** |
| **562** | **Environmental Landscapes Cons. Ltd invoice 003946 Maint of soft areas March 2008** | **2212.93** | **5379** |
| **563** | **Mediterranean Insurance Brokers invoice Nos 79680-79682-79683 renewal Insurance** | **2716.97** | **5366** |
| **564** | **GO plc invoice 20387631 Tel: 21341616 Rent April Calls March 2008** | **23.04** | **5341** |
| **565** | **GO plc invoice 20388564 Tel: 21322157 Calls March Rent April 2008** | **197.56** | **5342** |
| **566** | **GO plc invoice 20387618 Tel: 334254/341034 Calls March Rent April 2008** | **55.94** | **5343** |
| **567** | **UniKing International invoice 011508-5 Speed Moderators (rubber) approved 27.03.08** | **2135.15** | **5380** |
| **568** | **Pace & Mercieca invoice 509931 Varnish paint embellishment Strand** | **116.71** | **5386** |
| **569** | **C.S.D. Office Trade invoice 20370 Stationery computer** | **53.32** | **5387** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **570** | **Stardelta Hardware Store Invoice 3993302 & tools re embellishment Strand** | **116.72** | **5388** |
| **571** | **Grezzju Azzopardi Invoice 5802 Flowers re Albert Rizzo** | **100.00** | **5389** |
| **572** | **Melita Cable plc invoice 25026783 Hello Service** | **125.75** | **5390** |
| **573** | **Hempel (Malta) Ltd invoice 082645 re Strand embellishment** | **73.04** | **5398** |
| **574** | **Asfaltar Ltd – patching works** | **13541.59** | **pending** |
| **575** | **F.E.C.C. Malta & Gozo (Federation of European Carnival Cities ) fee 2008** | **25.00** | **5399** |
| **576** | **Ms Sandra Galea Ganutel, Bizzilla, Crochet Courses approved 14.12.07 Klg5/12** | **372.70** | **5371** |
| **577** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397631 Door to Door Collection April 2008** | **5590.50** | **5400** |
| **578** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397632 Hire of Skips April 2008** | **432.87** | **5401** |
| **579** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397633 Public Convenience March 2008** | **836.06** | **5402** |
| **580** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397634 Bulky Service March 2008** | **563.82** | **5403** |
| **581** | **Mr. Joe Borg Spejjeż papri April 2008** | **46.59** | **5404** |
| **582** | **G4S (Malta) Ltd invoice 24736 – 4 Trips March 2008** | **30.26** | **5405** |
| **583** | **Local Council's Association Ċirk AKL34/2008 01.05.2008 to 30.04.09** | **62.00** | **5406** |
| **584** | **Conmal Ltd invoice 1235 maint bozoz & Shifting** | **122.06** | **5407** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 585 | L.C.C.U. Balance Job No: 27280 – Upper St. Albert Street (Upper) | 1047.25 | 5391 |
| 586 | Conmal Ltd Invoice 1229 Maint bozoz Reggie Miller-Carlo Manche-Reid Streets | 117.64 | 5408 |
| 587 | Conmal Ltd Invoice 1231 Maint Bozoz | 71.28 | 5409 |
| 588 | Conmal Ltd Invoice 1232 U-Shape Barrier Squizitezze | 46.59 | 5410 |
| 589 | PEG Ltd Invoice No: 7600 Kotba Maltin Librerija Pubblika appr.27.03.08 Klg5/16 | 121.87 | 5411 |
| 590 | Sierra Book Distributors Invoice No: 33744 & 34924 Less C/Note 34923 | 328.47 | 5416 |
| 591 | Steve R. Farrugia Inv. 4 Street Sweeping Grass Cutting Mech Sweeper for 1 Hr.20min March 2008 | 4657.22 | 5412 |
| 592 | Steve R. Farrugia Inv.5 Street Sweeping on Sundays – March 2008 | 378.52 | 5413 |

Ref Nru: K155/02/08

25 t'April 2008

**<u>Minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 24 t'April 2008, fis-2.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gżira</u>**

**Preżenti:**

Is-Sindku Chris Bonett, s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Richard Borg Ginger.

**Materji Diskussi –**

Ħlas tat-taxxa tal-Qorti mill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku Chris Bonett qal, li l-iskop ta' din il-laqgħa kien sabiex il-Kunsill jinforma lis-Sur Richard Borg Ginger bl-ammont li l-Kunsill kien ser iħallas mit-taxxa tal-Qorti u dan minħabba l-fatt, li mill-ammont ta' €2880.37 (Lm1236.54), il-Kunsill kien diġa' għadda pagamenti lill-Avukat Frank Cassar, li jammontaw għal €1205.62 (Lm 517.57) u għalhekk, il-bilanċ dovut mill-Kunsill hu ta' €1674.75 (Lm 718.97).

Is-Sur Borg Ginger qal, li l-Avukat Alex Sciberras kien spjegalu li d-dritt tiegħu talli deher fuq il-kuntratt għalihom li kien jammonta għal madwar €1164.69 (Lm 500.00) meta jirċievihom għandu jgħaddihom lill-Kunsill Lokali biex iħallashom.

Is-Sindku Dott. Chris Bonett spjega, li hu qatt ma jista' jaċċetta li jħallashom talli l-Avukat tagħhom deher fuq il-kuntratt u dan anke in vista tal-fatt li hu qatt ma kellu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jagħmel dan il-ħlas.

Is-Sur Borg Ginger staqsa, jekk il-kont tal-Qorti kienx jinkludi l-VAT jew le.

Is-Sindku Dott Chris Bonett wieġeb, li hu jifhem li l-kont kien jinkludi l-VAT għaliex il-Perizja tal-Perit Godwin Abela tinkludi l-VAT madanakollu, jekk jirriżulta ħlas tal-VAT jikkontendiha.

Hu kkonkluda billi qal li t-Tlieta 29 t'April 2008, kien ser jippreżenta l-figura ta' €1674.75 (Lm718.97) waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali għall-approvazzjoni tal-ħlas.

Il-laqgħa ntemmet fis-2.30 p.m.

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

Ref Nru: K131/10/2008

9 t' April 2008

Minuti tal-laqgħa li saret fid-9 t'April 2008 fl-10.30 a.m.
fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti:

Il-Viċi-Sindku, Dunstan Attard, il-Kunsillieri Joe Camilleri u Malcolm Camilleri flimkien mad-D/Segretarju Marion Monaco għall-Kunsill Lokali Gżira u Dott Alex Buontempo u Dott Stefan Buontempo għad-ditta D'Aniens Development Limited.

Il-Viċi-Sindku rringrazzja lis-Sinjuri Alex u Stefan Buontempo talli laqgħu t-talba tal-Kunsill sabiex tkun tista' ssir din il-laqgħa.

Huwa qal, li kienu ntefgħu żewġ sottomissjonijiet u l-Kunsill kien għażel is-Sejħa għall-Offerti sottomessa mis-Sinjuri hawn fuq msemmija għaliex kienet l-aktar vantaġġjuża pero' l-Kunsill ma nterpretax tajjeb is-sottomissjoni.

Huwa kompla jgħid, li għalkemm il-Kunsill seta' jikkunsidra ż-żieda fil-prezz biex ikollu *gross area* ta' 215 metri kwadri, l-problema kienet ir-regolamenti tat-*tender* dwar il-proċedura finanzjarja. Għalkemm fis-sottomissjoni tat-*tender* kienet msemmija l-*area* ta' 95 metri kwadri, ma kienx ingħata prezz għaliha u l-Kunsill ma setax jitolbu wara l-ftuħ tat-*tender* għaliex b'hekk ikun qed jgħolli l-prezz. Għaldaqstant, il-Kunsill fl-aħħar laqgħa eżekuttiva li saret fis-27 ta' Marzu 2008, kien qabel unanimament li tinħareġ Sejħa Għall-Offerti oħra.

Dott Alex Buontempo qal, li minn naħa tagħhom, dejjem ssottomettew għall-*office premises* kif kien mmarkat bil-*highlighter* fuq il-pjanta annessa mat-*tender*. Huwa kien qed jissuġġerixxi, li l-Kunsill jiddeċiedi fuq il-120 metru kwadru u għall-mistoqsija tal-Kunsill, hu wieġeb li f'dan il-metraġġ setgħu jiġu nstallati żewġ *toilets* u tinħareġ Sejħa Għall-Offerti oħra għall-bilanċ ta' 95 metri kwadri biss u mhux għall-*gross area*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa jekk kemm –il darba l-Kunsill jaċċetta fuq l-120 metru kwadru, wara li jgħaddu xi ftit xhur setax jitlob li għandu bżonn aktar spazju.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri wieġeb fin-negattiv minħabba l-fatt, li fit-*tender* ma ngħatax prezz għall-bilanċ ta' 95 metri kwadri filwaqt li l-Viċi-Sindku qal, li din il-materja għandha terġa' tiġi diskussa mal-Kunsill.

Dott Stefan Buontempo qal, li għalihom kien ikun tajjeb jekk il-Kunsill jiddeċiedi fuq 120 metru kwadru għaliex huma ma talbux id-differenza prorata tal-bilanċ ta' 95 metri kwadri. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-prezz sottomess fis-Sejħa Għall-Offerti ta' €25.64 (Lm11) kuljum ma kienx jinkludi l-VAT minħabba l-fatt, li huma ssottomettew il-prezz abazi t'użu residenzjali għar-raġuni li dan kien ser jintuża għall-Komunita'. Madanakollu, jekk l-Activities Centre hu kkunsidrat fuq bażi kummerċjali, l-prezz irid jinkludi l-VAT. Huwa kompla jgħid li dan kien nuqqas minn naħa tagħhom pero' qal ukoll, li kellu jivverifika minħabba l-fatt li kien hemm ċans li jekk il-post jinkera lill-Komunita', VAT ma titħallasx.

Ġie diskuss ukoll, li jekk kemm –il darba l-Kunsill jiddeċiedi li jixtri, l-prezz sottomess fit-*tender* ta' €181,818 (Lm78,000) kienx jibqa' japplika wara sentejn,

Is-Sinjuri Buontempo wieġbu fin-negattiv u qalu li dak l-ammont kien validu jekk il-post jinxtara mill-ewwel.

Il-Viċi-Sindku qal, li minn naħa tal-Kunsill kien ser jivverifika wkoll dwar il-VAT, minħabba li l-Kunsill m'għandux VAT u titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex tittieħed id-deċiżjoni kif ukoll, il-Kunsill jiġi nfurmat li żewġ *toilets* (wieħed minnhom għall-Persuni bi Bżonnijiet Speċjali) setgħu jiġu nstallati fl-area ta' 120 metri kwadri.

Dott Stefan Buontempo qal, li kif il-Kunsill jiddeċiedi, huma minn naħa tagħhom jibdew il-proċedura biex japplikaw għaċ-*change of use* tal-permess minn *Class 5* għal *Class 7*.

Il-laqgħa ntemmet fil-11.15 a.m.

Marion Monaco
D/Segretarju Eżekuttiv